MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 656/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs.**

**Philip Camilleri u**

**Philip Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Philip Camilleri ta’ 56 sena, bin il-mejjet Anthony u Carmena nee’ Saliba, imwieled ir-Rabat fit-13 ta’ Jannar, 1950 u residenti No. 6 Violet Court Triq it-Turisti San Pawl il-Bahar, detentur ta’ karta tal-identita’ Nru. 54950M; - aktar l-isfel imsejjah “Philip Camilleri Senior”

u

Philip Camilleri ta’ 26 sena, bin Philip u Joyce nee’ Bugeja, imwieled il-Pieta’ fit-13 ta’ Dicembru, 1979 u residenti 18 Triq il-Pitkali Marsa, detentur ta’ karta tal-identita’ numru 75780M. – aktar l-isfel imsejjah “Philip Camilleri Junior”

Akkuzati talli:

1. Fit-3 ta’ Lulju 2006 ghal habta tal-5.30 ta’ wara nofs inhar fil-Belt Valletta, ikkommettew reat ta’ serq aggravat bil-vjolenza fejn sehhew feriti ta’ natura gravissima, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, liema reat sehh flimkien ma sekwestru ta’ persuna; u aktar talli
2. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw offiza ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’ Dr. Tonio Azzopardi LL.D., u aktar talli
3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-vjolenza gieghlu lil Dr. Tonio Azzopardi LL.D. jaghmel xi haga kontra l-volonta’ tieghu; u aktar talli
4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Dr. Tonio Azzopardi LL.D. kontra l-volonta’ tieghu; u aktar talli
5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu bl-awtorita’ taghhom innfushom, lil Dr. Tonio Azzopardi LL.D. ihallas dejn, jew jesegwixi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixxkluh fil-pussess ta’ hwejjgu, jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlu fi hwejjgu; u aktar talli

6. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid, gieghlu ufficjal pubbliku u cioe' lil Dr. Tonio Azzopardi LL.D. li jghamel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu; u aktar talli
7. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw, jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' Dr. Tonio Azzopardi LL.D. persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jghamel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; u aktar talli;
8. Fl-istess jum, lok hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 20 t'April, 2009,[1] fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 261(a), 262(1)(a)(b)(2), 274(b), 275, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 41(1)(a), 261(c), 267, 279(b), 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 85, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 86, 87(1)(c) , 12 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 214, 216(1)(a)(ii), 12 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 91, 92, 12 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 251(1), 12 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Fl-artikoli 92, 95, 12, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Fl-artikoli 325(b), 12, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-21 t'Ottubru, 2009,[2] l-imputat Philip Camilleri Junior iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

---

[1] A fol. 405 tal-process.
[2] Ara fol. 400 tal-process.

L-imputat Philip Camilleri Senior miet fil-mori ta' dawn il-proceduri, u precizament fid-29 ta' Gunju 2007,[3] - cioe qabel inharget in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali – u ghalhekk fil-konfront tieghu il-procediment huwa ezawrit.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-parte civile, Dottor Tonio Azzopardi huwa avukat u fil-vesti tieghu ta' avukat tal-ghajnuna legali huwa ppresta servizzi lil Joyce Camilleri, sabiex din tigi kanonizzata kreditrici ta' zewgha, l-imputat Philip Camilleri Senior – minnu legalment separata – ghall-ammont ta' Lm5000. Il-kawza civili saret u fil-fatt Joyce Camilleri rebhet il-kawza fil-21 ta' Gunju 2005.[4]
2. Dottor Tonio Azzopardi xehed li fuq talba ta' Joyce Camilleri stess huwa hareg mandat ta' sekwestru kontra l-imputat Camilleri Senior ghal parti biss mis-sorte dovut, imghax u spejjez, u fis-7 ta' Marzu 2006 il-Bank of Valletta p.l.c. iddepozita l-ammont ta' Lm3,024 permezz ta' cedola ta' depozitu.[5]
3. Gara pero li inqala' xi disgwid bejn Dottor Azzopardi u Joyce Camilleri kemm fuq l-ammont li kellu jigi sekwestrat kif ukoll fuq id-drittijiet ghal spejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji li Dottor Azzopardi kien qed jippretendi li kellu jithallas taghhom. F'din il-kwistjoni civili, indahal ukoll, it-tifel ta' Joyce Camilleri, l-imputat Philip Camilleri Junior, li kien imur jakkompanja lil ommu meta jkollha tiltaqa' ma' Dottor Azzopardi. Din il-kwistjoni skalat u anke sar rapport fuq din il-kwistjoni minn Joyce Camilleri lill-Kamra tal-Avukati.

[3] Ara fol. 249 tal-process.
[4] Ara t-taxxa tal-Qorti ezebita bhala Dok PMG13 a fol. 141 tal-process.
[5] Ara cedola ta' depozitu 263/06 ezebita bhala Dok TA1 a fol. 404 tal-process.

4. Din il-Qorti taghmilha cara li mhix se tidhol fil-mertu tal-kwistjoni civili li nqalghet bejn Dottor Azzopardi u Joyce Camilleri. Ghal fini ta' din il-kawza civili huwa sufficjenti li jinghad, li fit-18 ta' Lulju 2006 – cioe wara d-data tal-incident in kwistjoni – Kevin Mahoney, dak iz-zmien Direttur u Registratur Qrati Civili u Tribunali, ikkonferma li l-ammont ta' Lm3,024, depozitat bic-cedola ta' depozitu 263/2006 kien ghadu kollu depozitat taht l-Awtorita tal-Qorti. Dan ifisser li fid-data tal-incident, Dottor Azzopardi kien ghadu ma zbanka xejn mill-ammont li l-Bank of Valletta p.l.c. kien iddepozita taht l-awtorita tal-Qorti – ammont li kien gie mehud mill-kont ta' Joseph Camilleri Senior.
5. Fil-gurnata in kwistjoni, Dottor Tonio Azzopardi kien fl-ufficcju tieghu qed jara l-klijenti, meta l-imputati habtu fl-ufficcju tieghu, dahlu u nqalghet glieda bejniethom. Hemm verzjonijiet divergenti ta' dak li gara, ghax fil-waqt li Dottor Azzopardi jghid li hu gie aggredit u msawwat brutalment mill-imputati u kostrett jikteb cekk f'isem Philip Camilleri ghall-ammont ta' Lm5,700, min-naha l-ohra fl-istqarrija tieghu, l-imputat Philip Camilleri Junior jghid li meta staqsieh ghac-cekk ta' ommu, Dottor Azzopardi beda jiktiblu c-cekk, imma f'daqqa wahda aggredih u hu u missieru iddefendew rwiehom.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skond il-gurisprudenza stabbilita meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[6] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario*

[6] *Per* Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano.

*sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[7]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputat Philip Camilleri Junior, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tax-xhieda u dikjarazzjonijiet tal-imputat Philip Camilleri Senior fil-konfront tal-imputat Philip Camilleri Junior, u vice versa.

Il-Qorti mhix se tikkonsidra l-artikoli tal-ligi li skont l-Avukat Generali tista' tinstab htija taghhom fl-ordni kronologiku li fih elenkhom l-istess Avukat Generali, imma se tibda billi l-ewwel tiddeciedi jekk il-Prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha li l-imputati aggredew lill-parte civile o meno u kkagunawlu ferita gravi, u skont din id-decizjoni, tara jekk hux il-kaz li tikkunsidra l-Artikoli l-ohra.

[7] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**

<u>*Ir-Reat ta' Feriti fuq Dottor Tonio Azzopardi*</u>

Kif diga inghad, l-ewwel kwistjoni li din il-Qorti sejra tiddeciedi hija liema wahda miz-zewg verzjonijiet tal-aggressjoni giet ippruvata – hux dik tal-Prosekuzzjoni u tal-parte civile li jridu jippruvaw il-kaz taghhom il'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni jew hux l-verzjoni tal-imputat Camilleri Junior - li ghazel li jirrilaxxa stqarrija - li huwa bizzejjed li jipprova l-verzjoni tieghu sal-grad tal-probabbli.

Il-parte civile Dottor Tonio Azzopardi xehed, li meta waqt li kien qed jara xi klijenti l-ufficju tieghu, habbat il-bieb, hu mar biex jiftah, izda l-bieb gie imbuttat b'sahha kbira ghal fuqu u sab ma' wiccu lill-imputat Philip Camilleri Junior. Dan l-imputat qallu xi haga li ma fehmhiex u fil-pront tah daqqa ta' ponn go wiccu. Dan l-imputat dahal warajh u nizzel lil Dottor Azzopardi gharkupptejh wara l-iskrivanija, filwaqt li kompla jtieh. Dottor Azzopardi beda jitolbu biex ihallih johrog il'barra, izda minflok dahal l-imputat l-iehor Philip Camilleri Senior fil-kamra li qabad itih bil-ponn ukoll, u b'hekk Dottor Azzopardi spicca gharkupptejh b'erba' ponnijiet ituh fuq il-parti ta' fuq ta' gismu, u beda jipprova jipprotegi rasu. Dan is-swat dam sejjer minn sitta (6) sa tmien (8) minuti u fost id-daqqiet qala' daqqa' fuq il-widna tal-lemin. Jidher li kien hemm daqqiet intensivi ghax it-t-shirt li kien liebes Dottor Azzopardi tqatta kollu. Dottor Azzopardi jghid li wara xi hin l-imputat Philip Camilleri Senior beda kemm bil-kliem kif ukoll fizikament izomm lill-imputat l-iehor Philip Camilleri Junior milli jkompli jtih. L-imputat Junior gieghlu lill-Dottor Azzopardi jikteb cekk favur "Philip Camilleri" – l-isem tawhulu huma u riedu li c-cekk ikun fl-ammont ta' Lm 5,700. Dottor Azzopardi obdihom, u wara li hadu c-cekk, l-imputati heddewh li jekk ma jissarrafx, imorru d-dar tieghu u jtuh zewg tiri, u telqu.

Romina Calleja li kienet fl-ufficju ta' Dottor Azzopardi mar-ragel taghha meta gara l-incident, xehdet li meta habbat il-bieb tal-ufficju dahal probabbilment Philip Azzopardi Junior – ghax ma kinietx certa fuq min mill-imputati dahal l-ewwel - u staqsa lil Dottor Azzopardi *"x'ghamilna fuq dak il-kaz"* u tah daqqa ta' ponn go wiccu. Ir-ragel taghha kien ser jintervjeni biex jikkalma s-sitwazzjoni, pero imbaghad dahal l-imputat l-iehor, u hi u r-ragel bezghu ghax kellhom t-tfal zghar fil-*waiting room* u hargu mill-kamra.

Josef Rhouni, ir-ragel ta' Romina Calleja, xehed li meta habbat il-bieb tal-ufficcju dahal Philip Camilleri Junior u staqsieh *"X'ghamiltli f'dik il-kawza?"* u bdew jargumentaw u jghajtu izda qal li ma rax kuntatt fiziku. Hu qam biex jikkalma l-affarijiet imma imbaghad dahal l-imputat l-iehor, u hu u l-mara hargu ghax bezghu ghax kellhom it-tfal barra fil-*waiting room*.

Skont Dottor Mario Scerri, l-espert mediku nominat fl-inkjesta, konsegwenza tas-swat li qala' Dottor Azzopardi kellu diversi feriti ta' natura hafifa, hlief ghat-ticrit tat-tanbur tal-widna l-leminija li huwa ta' natura gravi u li jista' anke jhalli effetti permanenti fuq is-smiegh ta' Dottor Azzopardi. Dottor Mario Scerri xehed li l-lezjoni fuq il-widna hija rizultat ta' *blunt trauma*, u anke fuq il-widna minn barra hemm sinjali ta' *blunt trauma*.[8]

Min-naha l-ohra, fl-istqarrija tieghu, l-imputat Philip Camilleri Junior qal li hu u l-imputat l-iehor, missieru, marru ghand Dottor Azzopardi biex igibu cheque li skont dan l-imputat, hu taghhom. Huwa jghid li hu habbat il-bieb u Dottor Azzopardi fetah, u hu staqsieh biex jaghtihom ic-cekk. Skont dan l-imputat, Dottor Azzopardi qallu li kien se jaghmillu c-cekk dak il-hin. Wara li kitbu u iffirmah, f'daqqa wahda qalilhom biex jitilqu l'barra u li ma riedx jaghtihom ic-cekk u beda jghajjat kemm jiflah. L-imputat Philip Camilleri Junior qal li hu baqa' jinsisti li jaghtihom ic-cekk, u l-avukat qabad jirrabja u jghajjat, imbuttah minn sidru, ilwielu subghajh, tah daqqa ta' ponn fuq ghajnejh u daqqa ta' sieq fil-qasba ta' siequ, tefghu tahtu u beda jtieh. Missieru, l-imputat l-iehor iddefendieh, u gibdu minn taht l-avukat u marru l-isptar jaghmel certifikat.

L-imputat Philip Camilleri Junior ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, pero tella zewg tobba jixhdu.

Dottor Stephen Muscat ra lill-imputat l-emergenza u ccertifika li dak in-nhar tal-incident, l-imputat kellu *mallet right fifth finger, haematoma right eyebrow* u numru ta' grif fuq saqajh. Skont l-istess tabib, il-haemotoma fuq l-ghajn hija kompatibbli ma' daqqa ta' ponn u l-grif huwa kompatibbli ma' glieda.[9]

---

[8] Ara xhieda ta' Dottor Mario Scerri a fol. 183 *et seq.* tal-process, u r-rapport tieghu ezebit bhala Dok MS a fol 186 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Dottor Stephen Muscat a fol. 420 *et seq.* tal-process.

Xehed ukoll Prof. Carmel Sciberras li qal li l-imputat garrab *injury* ta' subghajh iz-zghir li jghidulha *mallet deformity*, ghax it-tendon ta' subghajh inqatta' u ma jistghax jiddrittah. Prof. Sciberras xehed li jista' jkun li din id-daqqa l-imputat irceviha jew ghamel xi haga hu li biha wegga' lilu nnifsu. Ix-xhud qal li jista' jkun saret ghax l-imputat ta daqqa ta' ponn, pero jekk kellu *"a closed fist it is unlikely"*. In kontro-ezami, mistoqsi jekk jistax ikun li l-imputat ghamilha ghax il-vittma jkun gharkupptejh u l-imputat kien qed jaghti l-isfel fuq ras il-vittma u jolqot brazz tal-pultruna, ix-xhud wiegeb li tista' tigri. Qal ukoll li bniedem li jezercita l-martial arts jista' jwegga' b'dan il-mod. Tista' tkun ukoll saret ghax bniedem ikun lwielu subghajh fi glieda. Ix-xhud qal li hemm hafna modi kif din l-*injury* tista' ssir, fi kliemu stess *"Kull haga li tista' taghmel hyper flexion jew bending ta' dak il-gog, jista jcarrat it-tendons.*

Mill-kumpless tal-provi, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova t-tezi taghha li l-imputati hebbew ghal Dottor Azzopardi lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, u li l-imputat ma rnexxielux jipprova l-verzjoni tieghu sal-grad tal-probabbli u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok mhux verosimili li Dottor Azzopardi aggredixxa lill-imputat Philip Azzopardi Junior fil-prezenza ta' missieru, l-imputat l-iehor, ghax huwa ovvju li l-imputat l-iehor, cioe il-missier, kien se jiddefendi lill-ibnu, u bniedem ragonevoli jaf li ma kellux cans jiggieled kontra zewg irgiel, minghajr ma johrog tellief.

2. Qabel dan l-incident, u cioe fid-9 ta' Mejju 2006, l-imputat Philip Azzopardi Junior kien gia agixxa b'mod minaccuz fil-konfront ta' Dottor Azzopardi fir-Registru tal-Qorti, tant li terza persuna hasset il-bzonn li ssejjah zewg marixxalli, u Dottor Azzopardi kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar dan l-incident – ghalkemm dak iz-zmien ma kienx jaf x'jismu t-tifel ta' Joyce Camilleri – sabiex jammonuh sabiex ma javvicinah bl-ebda mod.[10] Ghalhekk Dottor Azzopardi kien jibza mill-imputat.

3. L-imputat Philip Azzopardi Junior kien arroganti meta qabad u habbat fuq il-bieb tal-ufficju ta' Dottor Azzopardi u dahal biex "ikellmu", meta kien jaf li dan kellu klijenti ohra quddiemu, u fl-istqarrija ammetta li kien hemm xi tnejn min-nies ohra jistennew barra. Dan l-agir certament mhux kompatibbli ma' dak ta' persuna li se tmur tkellem persuna ohra bil-

[10] Ara Dok PMG7 a fol. 97 tal-process.

kelma t-tajba. Inoltre, mhux verosimili li Dottor Azzopardi tkellem mal-imputat dwar il-flus dovuti lill-ommu, fil-presenza ta' zewg persuni ohra li kienu fl-ufficcju dak il-hin, ghax dan imur kontra l-etika professjonali.

4. Ghalkemm kellu diversi tizgwid u pendenzi ma' Dottor Azzopardi fuq affarijiet civili, u kien ga rrappurtah lill-awtoritajiet kompetenti u sa ried jirraportah lill-"Fraud Squad", l-imputat Philip Azzopardi Junior ma hassx in-necessita li jirraporta lill-Pulizija li Dottor Azzopardi kien aggredieh, kif wiehed jistenna li kien jaghmel fic-cirkustanzi.
5. Il-feriti li sofra l-imputat – apparti l-*mallet finger* – huwa inkompatibbli mal-mod kif fl-istqarrija tieghu, l-imputat iddeskriva li Dottor Azzopardi kien sawwtu. Min-naha l-ohra, kif xehed Prof. Sciberras il-*mallet finger* mhix prova determinanti, ghax tista' tigi kkawzata b'tant modi, li din il-Qorti lanqas tista' tghid li l-imputat ipprova sal-grad tal-probabbli li giet kagunata lilu minn aggressjoni ta' Dottor Azzopardi, ghax kif qal l-istess Prof. Sciberras din l-*injury* setghet saret jekk l-imputat kien qed jaghti lil vittma li kienet gharkupptejha u laqghat idejh ma' putruna, u ghalhekk setghet saret anke jekk l-imputat aggredixxa lil Dottor Azzopardi.
6. Dottor Azzopardi esebixxa bicca mis-serratura tal-bieb tal-ufficcju tieghu li hi mghawga.[11] Dan jindika li l-imputat Philip Camilleri Junior ta daqqa b'sahhitha hafna, jekk mhux daqqa ta' sieq, fuq il-bieb, u ghalhekk kien diga aggressiv qabel dahal l-ufficcju.
7. Min-naha l-ohra, fl-ewwel lok il-verzjoni ta' Dottor Azzopardi hija korroborata bix-xhieda ta' Romina Calleja li kienet fl-ufficcju tieghu dak il-hin u qalet li rat lill-imputat jaghti daqqa ta' ponn lil Dottor Azzopardi. Huwa vera li r-ragel taghha, Josef Rhouni li kien maghha fl-ufficcju, xehed li ma rax kuntatt fiziku. Pero fl-opinjoni tal-Qorti dan ix-xhud ma hux wiehed attendibbli, ghax kif qal hu stess, hu qam biex jikkalma l-affarijiet, pero xi haga bezzghetu ghax telaq jigri mill-ufficcju flimkien mal-mara tieghu.
8. Ir-rapport mediku tal-espert Dottor Mario Scerri u l-istat li fih spicca t-t-shirt li kien liebes Dottor Azzopardi, jikkonfortaw it-tezi ta' Dottor Azzopardi, li hu gie mnizzel gharkupptejh mill-imputat Philip Sciberras Junior u l-imputati bdew ituh fuq rasu u fuq il-partijiet ta' fuq ta' gismu.

Kif diga inghad rizultat tas-swat li sofra, Dottor Azzopardi kellu hafna feriti ta' natura hafifa, pero, skont l-espert Dottor Mario Scerri, ittaqqab it-tanbur tal-widna leminija tieghu, u din kienet ferita ta' natura gravi.

[11] Ara Dok PMG10 a fol. 137 tal-process.

Din il-Qorti hatret lill-espert Mr. Anthony Grixti Soler, *consultant ENT surgeon* sabiex jezamina lil Dottor Azzopardi. Fl-ewwel rapport tieghu, Mr. Grixti Soler xehed li mill-file tal-isptar jirrizulta li Dottor Azzopardi kien diga ibati minn nuqqas ta' smiegh f'widintu x-xellugija u fil-fatt fl-1984 kien ghamel zewg operazzjonijiet fiha. Fl-1984, Dottor Azzopardi kien ghamel testijiet ukoll f'widintu tal-lemin u rrizulta li s-smiegh minnha kien normali. Mr. Grixti Soler ezaminah fit-8 ta' Marzu 2007 u sab li Dottor Azzopardi kellu nuqqas ta' smiegh fil-widna l-leminija. Il-*hearing level* kien l-istess tat-testijiet li ghamel l-isptar fl-2006, wara l-incident in kwistjoni.

Skont dan l-espert, peress li Dottor Azzopardi diga kellu disabilita fis-smiegh f'widintu x-xellugija, meta wiehed jikkalkula d-disabilita fil-widna l-leminija, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni ukoll id-disabilita fil-widna x-xellugija, u tikkalkula s-smiegh li ghandu fl-intier tieghu. Huwa ikkalkula l-*hearing disability* tal-pazjent huwa ta' 21.6%, li jfisser 10.8% tat-*total bodily impairment.*[12]

Mr. Grixti Soler gie mitlub jerga' jezamina lil Dottor Azzopardi sabiex jistabbilixxi l-permanenza tal-griehi sofferti fil-widna l-leminija. Hu ra lil Dottor Azzopardi fit-2 ta' Frar 2009, u rnexxielu jezamina t-tanbur ta' widnejh il-leminija u ddikjara li ma kienx imtaqqab. Pero, meta ghamillu t-test ghas-smiegh, sab li s-smiegh f'din il-widna kien baqa l-istess kif kien meta ezaminah hu d-darba ta' qabel, u meta kien gie ezaminat l-isptar fit-2006.[13]

Fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju, l-imputat huwa akkuzat li kkaguna ferita gravi taht l-Artikolu 216 u mhux li ikkaguna ferita gravissima taht l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Ghal fini tal-Artikolu 216, huwa bizzejjed jekk ferita *"tista ggib periklu"* li *inter alia* tikkaguna debbulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi wahda mill-partijiet tal-gisem. Jekk jigi ippruvat li l-ferita tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, allura jigi ppruvat ir-reat ta' ferita gravissima taht l-Artikolu 218(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Pero l-imputat mhux akkuzat bir-reat ta' ferita gravissima taht l-Artikolu 218, imma biss bir-reat ta' offiza gravi taht l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Mis-suespost huwa car, li l-imputat Philip Camilleri Junior ikkaguna lil Dottor Azzopardi ferita gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kodici Kriminali, u cioe ikkaguna ferita li hemm il-perikolu li

[12] Ara xhieda ta' Mr. Anthony Grixti Soler a fol. 222 *et seq.* tal-process u r-rapport tieghu ezebit bhala Dok GS a fol. 227 tal-process.
[13] Ara xhieda ta' Mr. Grixti Soler a fol. 375 *et seq.* tal-process.

tikkagunalu debbulizza permanenti fil-funzjoni tal-widna l-leminija ta' Dottor Azzopardi. Fil-fatt sal-ahhar darba li gie ezaminat minn Mr. Grixti Soler, Dottor Azzopardi kien qed isofri minn nuqqas ta' smiegh f'din il-widna l-leminija.

La darba din il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li gie ppruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li kienu l-imputat li aggredixxa lil Dottor Azzopardi u kkagunawlu ferita gravi, il-Qorti trid issa tezamina hekk l-imputat Philip Camilleri Junior hux hati tar-reati l-ohra indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tieghu.

<u>*Ir-Reat ta' Vjolenza kontra l-Privat*</u>

L-Artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"(1) Kull min juża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan."*

Ma hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp penali, li Dottor Azzopardi kiteb ic-cekk fl-ammont ta' hamest elef u seba' mitt lira Maltin (Lm5700), u iffirmah, ghax l-imputat Philip Camilleri Junior uza l-vjolenza fuqu biex igieghlu jaghmel dan. Fil-fatt, Dottor Azzopardi xehed li kien it-tifel, cioe Philip Camilleri Junior, li ordnalu jikteb ic-cekk. Fil-fatt hu xehed testwalment hekk *"Nikkonferma li dan huwa cekk datat 3 ta' Lulju 2006 miktub minni wara li gejt imgieghel niktbu bi vjolenza mahrug fuq Mr. Philip Camilleri u l-isem nghid li tawuli huma biex jiena nohorgu fuq Mr. Philip Camilleri u s-somma hija ta' Lm 5700 Liri only u din il-figura ta' Lm5700 il-missier semma Lm5000 jekk minix sejjer zball u t-tifel semma Lm5700 u jiena meta semmew li jridu cekk minghandi dak il-hin balzmu meta talbuni c-cekk ghax dak il-mument waqfu u allura jiena staqsejthom ghidtilhom kemm tridu? Lm5000? Jew Lm5700. Qalli Lm5700 u hekk nizzilt jiena u ffirmajtlu u billi kont imcappas bid-demm, hawnhekk ukoll huwa mcappas."*[14]

Iktar tard Dottor Azzopardi xehed hekk: *"Jidhirli li z-zghir ordnatli t-tifel u waqt li kont qed niktbu, din niftakarha cara, is-Sur Camilleri Junior, min-naha tal-klijenti, telgha fuq siggu u telgha fuq l-*

[14] Ara xhieda ta' Dottor Tonio Azzopardi a fol. 87-88 tal-process.

*isrivanija b'saqajh biz-zarbun fuq il-karti ta' l-iskrivanija u qaghad hemm jistennieni nobdieh. Waqt li qed nikteb dan ic-cekk jiena. U meta imbaghad bhala ma ghidt l-ewwel darba li l-missier waqqaf lil ibnu, kien hemm dik l-okkazzjoni meta ghidt qabel imma imbaghad kien hemm zewg okkazzjonijiet ohra fejn it-tifel rega' nizel biex jahbat ghalija u l-missier rega' zammu darbtejn ohra u zammu jigifieri fisikament, jigifieri kellu jzommu sew eh ghaliex it-tifel kien determinatissimu."*[15]

Fl-opinjoni tal-Qorti dan ir-reat gie ikkunsmat malli Dottor Azzopardi ikkonsenja c-cekk lill-imputati jew lil min minnhom.

Ghaldaqstant, dan ir-reat gie ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*Ir-Reat ta' Vjolenza u Theddid kontra Ufficcjal Pubbliku*

Qabel l-emendi li saru bl-Att V tal-2014, l-Artikolu 91 tal-Kodici Kriminali kien jippreskrivi illi *"Kull min bi vjolenza jew b'theddid igieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa tliet snin."*

L-Artikolu 92 tal-Kodici Kriminali jiddefinixxi "ufficjal pubbliku" hekk: *"Taht il-frazi generali "ufficjal pubbliku" jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."*

Dottor Azzopardi kien gie mahtur mill-Gvern bhala avukat tal-ghajnuna legali u fil-fatt f'din il-kapacita assista lil Joyce Camilleri fil-kawza taghha sabiex tigi kanonizzata kreditrici ta' zewgha l-imputat Philip Camilleri Senior. Id-disgwid bejniethom inqala' meta Dottor Azzopardi, bhala avukat

[15] Ara xhieda ta' Dottor Tonio Azzopardi a fol. 91 tal-process.

tal-ghajnuna legali, kien fil-process li jenforza s-sentenza in kwistjoni. In kwantu, Dottor Azzopardi kien qed jagixxi bhala avukat tal-ghajnuna legali, huwa jaqa' fid-definizzjoni ta' "ufficjal pubbliku" taht l-Artikolu 92 tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt dan il-fatt ma giex kontestat mid-difiza fit-trattazzjoni orali.

Issa din il-Qorti diga sabet lill-imputat hati li bi vjolenza gieghel lil Dottor Azzopardi jikteb u jiffirma dan ic-cekk ta' hamest elef u seba' mitt lira Maltin (Lm 5,700), u ghalhekk l-imputat huwa hati wkoll tar-reat kontemplat fl-Artikolu 91 tal-Kodici Kriminali.

<u>*Ir-Reat ta' Ingurji u Theddid kontra Ufficjali Pubblici ohra jew Offizi fuq il-Persuna Taghhom*</u>

Qabel l-emendi li saru bl-Att V tal-2014, l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali kien jaqra hekk: *"(1) Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjuda bi grad."*

Din il-Qorti diga sabet lill-imputat hati ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Dottor Azzopardi, minhabba li kien qed jaghmel servizz pubbliku.

Dottor Azzopardi xehed ukoll li l-imputat heddu li jekk ic-cekk li kien tah ma jissarrafx, imur id-dar tieghu u jtih zewg tiri.[16] Il-Qorti ma ghandhiex raguni ghalfejn tiddubita mill-veracita' ta' din ix-xhieda. Konsegwentement, anki dawn ir-reati gew pruvati.

[16] Ara xhieda ta' Dottor Azzopardi a fol. 91 tal-process.

*Ir-Reat ta' Serq, Ir-Reat ta' Attentat ta' Serq u r-Reat ta' Ragionfattasi*

Fin-nota ghar-rinviju tal-gudizzju, l-Avukat Generali nizzel ukoll l-Artikoli li jikkontemplaw r-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, r-reat ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur u r-reat ta' ragion fattasi.

M'hemmx dubbju li fic-cirkostanzi, meta l-imputat ha c-cekk ta' hamest elef u seba' mitt lira Maltin (Lm 5,700), minghand Dottor Azzopardi, jirrikorru l-erba' elementi mill-hames elementi tar-reat ta' serq, u cioe dawk tal-*"contractatio dolosa di cosa altrui, fatta invito domino",* li jiffurmaw parti mid-definizzjoni klassika tal-**Carrara**[17] u li giet addottata konstantement mill-Qrati taghna.[18] Pero, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat ikkontesta proprju l-hames element, u cioe dak li l-**Carrara** jidentifika bhala *"l'animo di farne lucro"* jew l-*"animus lucrandi".*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. John Galea et** deciza fit-30 ta' Jannar 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[19] irriteniet hekk:

*"Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u*

*"per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-CRIVELLARI jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

---

[17] **Programma**, **Parte Speciale**, Vol. IV, para 2017.

[18] Ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Mario Tanti et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Dicembru 1944, **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Jannar 1942.

[19] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk:-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self ... ..."*

*u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X , para. 1843 jghid:-*

*"il profitto ... ... deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"... ... per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917, p..140]*

*Il-Professur Mamo izid jelabora [op.cit.]*

*"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised ... ... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing ) ... ... the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases."*

*Pero l-istess awtur ikompli jghid (op. cit. p. 306) li :-*

*“The “animus lucrandi” is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right, in which case you may have in appropriate circumstances, the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code.”*

*L-istess jghid MAINO [op.cit. para 1844] :-*

*“Se la sottrazione della cosa altrui e’ commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno , o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche’ controverso,*

*esula dal fatto , per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell’articolo in esame, l‘imputabilita’ a titolo di furto.”*

*u*

*“Ricorrendo gli altri estremi voluti dall’art 235 cod. pen., non sara’ dunque applicabile il titolo di furto , ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto; e cio’ perche’ in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto , sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno.”*

*Il-CARRARA (op. cit. Vol.IV , para. 2036 ) ukoll jghid li :-*

*“Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a ricattare un suo credito: il quale si rendera’ responsabile di ragion fattasi ma non di furto.”*

*u fl-annotazzjoni tal-istess paragrafu , dan il-gurista ikompli jelabora dwar din id-distinzjoni bejn ir-reat ta’ serq u dak ta’ ragion fattasi . Hekk jghid :-*

*“La eliminazione del furto per la sua conversione nel titolo di ragion fattasi ha una frequente applicazione ... ... La vidi applicare ad un marito che avendo sorpreso la moglie in adulterio, aveva tolto al drudo l’orologio per ricattarsi. La vidi applicare ad una domestica che sedotta dal proprio padrone, era fuggita dalla sua casa asportando oggetti di valore per supplire alle spese del suo parto. Queste ed altre simili sono conseguenze del principio che al furto richiede il fine della locupletazione e sono conseguenze logiche quando siano rettamente applicate alle contingenze dei fatti. ... ... il vero fondamento della degenerazione del furto in ragion fattasi sta nella mancanza nell’animo di arricchirsi.”*

*Umbaghad izid jghid li r-raguni ghal din id-distinzjoni hija wahda:*

*"eminentemente giuridica, cosi' nel rapporto soggettivo, perche' vi e' minore malvagita'; come nel rapporto oggettivo, perche' chi al fine di pagarsi invola un oggetto al suo debitore non reca spavento ad alcuno tranne ai debitori di mala fede, ai quali deve la societa' una protezione minore. La teorica dominante in Italia e' dunque giustissima sotto tutti gli aspetti."*

*Illi umbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe':-*

*a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*

*b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*c) il-koxjenza fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u*

*d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

*(ara Appelli Kriminali: "Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia", 17.2.1995; Pulizija vs. Rene' Micallef 6.6.1995, Pulizija vs. Mark John Schembri, 18.9.2002 u ohrajn.)"*

M'hemmx dubbju li l-agir tal-imputat, sar fir-retroxena tal-kawza li rebhet ommu Joyce Camilleri fil-Qorti, - meta kienet assistita minn Dottor Azzopardi bhala avukat tal-ghajnuna legali - fejn giet kanonizzata kreditrici ta' missieru fl-ammont ta' hamest elef u seba' mitt lira Maltin (Lm 5,700),, u li kienet ghadha ma hadithomx. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid hekk *"Iltqajna u morna biex ingibu cheque li huwa taghna minghand l-avukat Dr. Tonio Azzopardi. ... ... jiena ghidtlu biex jaghtina c-cheque li qieghed bhala frodi min-naha tieghu. Dan kien cheque ta' Lm5,700 li ghandna niehdu bl-imaxxi (sic) b'kollox. Dawn kienu flus li kienet rebhet ommi lil missieri bil-Qorti. Lm3,024 kienu inharrgu mill-account ta' missieri gewwa l-BOV u suppost hadithom ommi by right. Sa llum ommi ma hadet xejn minn dawn. Nghid ukoll li dan kien avukat tal-legal aid iggiefieri m'hu intitolat li jiehu xejn min-naha t'ommi, peress li kienet ghajnuna legali. Jiena ma nistghax nifhem ghaliex dan l-avukat kien zamm il-flus hu meta suppost li dawn inghataw lil ommi."*

Din il-Qorti, wara li fliet fid-dettal u rriflettiet fit-tul dwar l-istat d'animo tal-imputat, fil-mument tal-*contractatio,* issib li ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilita biss, li dak li ghamel l-imputat kien *"in the exercise of a pretended right."* Mill-provi jirrizulta li l-imputat kellu diversi lanjanzi kontra Dottor Azzopardi, ghal fatt li ommu baqghet ma haditx il-flus minkejja li rebhet il-kawza, u ghal fatt li Dottor Azzopardi ried jithallas ghax-xoghol gudizzjarju u extra-gudizzjarju li ghamel, minkejja li assista lil ommu bhala avukat tal-ghajnuna legali.

Fi kliem iehor, din il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat, seta' ghamlu bil-kredenza li l-att kien qed isir fl-ezercizzju ta' dritt, u f'mument ta' rabja u frustrazzjoni bl-atteggament li kien qed jiehu Dottor Tonio Azzopardi, u bil-fatt li minkejja li, kif qal hu fl-istqarrija, huwa kien qabbad avukat iehor li kiteb diversi ittri lill-Kamra tal-Avukati u saru diversi laqghat fil-bini tal-Qorti sabiex tinstab soluzzjoni, ma gie registrat l-ebda progress. Inoltre mill-istqarrija tieghu, jidher li anke jekk zbaljatament - l-imputat kien taht l-impressjoni li l-flus kienu ghand Dottor Azzopardi. U jekk hu hekk, ikunu jezistu proprju l-elementi imsemmija mill-awturi fuq citati, u cioe dak ta' kompensazzjoni u ta' min jahtaf oggett litigjuz biex jiggarantixxi l-kreditu tieghu. Konsegwentement, il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz odjern kien jonqos l-element importanti tal-*animus lucrandi* jew tal-*animo di farne lucro* mehtieg biex jissussisti r-reat ta' serq u r-reat tal-attentat ta' serq.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li l-imputat lanqas jista' jinstab hati tar-reat ta' ragion fattasi, ghax kien hemm nieqes it-tielet element fuq imsemmi u cioe li l-imputat ma kienx qed jipprova jissostitwixxi l-awtorita tal-Qorti ghaliex f'dan il-kaz, il-Qorti kienet diga esprimiet ruhha li ommu kellha tiehu l-hamest elef lira Maltin (Lm5000) flimkien mal-imghax, u kull ma ghamel l-imputat hu li mar jigbor dawn il-flus li kienu ta' ommu bi dritt.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tad-difiza. Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-imputat kien jaf li ma setghax jaqbad u jgieghel – specjalment bil-vjolenza - lil Dottor Azzopardi jtieh il-flus ta' ommu minghajr ma jirrikorri ghal awtorita pubblika. Tant hu hekk, li kif diga inghad, fl-istqarrija tieghu hu jghid li hu kien qabbad avukat li kiteb diversi ittri lill-Kamra tal-Avukati u kienu saru diversi laqghat. Meta waqt l-interrogatorju gie mistoqsi jekk qattx ghamlu xi rapport lill-pulizija dwar xi frodi jew flus kontra l-avukat Azzopardi, l-imputat wiegeb hekk: *"Jiena kont ghidt lill-avukat Cilia sabiex jikkomunika mal-Fraud Squad izda ghalissa kien qalli li ghalissa le, sakemm nidhru quddiem il-kummissjoni u l-kbarat tal-qorti w jekk ma nifthemux min hemm, niktbu lill-Fraud Squad dwar il-kaz."*

Dan ifisser li l-imputat kien jaf li jekk mhux ser tinstab soluzzjoni mill-Kamra tal-Avukati, ried jaghmel rapport dwar il-kaz lill-Pulizija, sabiex tiehu proceduri kriminali kontra Dottor Azzoppardi. Allura dan ifisser li altru li l-imputat kien jaf meta gieghel lil Dottor Azzopardi jiktiblu c-cekk bil-vjolenza, li hu qed jaghmel *"di proprio braccio"* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' serq aggravat bil-vjolenza jew ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur, issib lill-imputat hati tar-reat ta' ragion fattasi.

*Ir-Reat ta' Arrest, Detenzjoni jew Sekwestru kontra l-ligi*

L-Artikolu 86 jippreskrivi illi *"Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

Il-**Professur Sir Anthony Mamo**[20] jghid hekk *"This section was framed on Article 169 of the Neopolitan Code. ... ...*

*"The words "arrest", "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 85*[21]*) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (Roberti – ibid, para 323."* (sottolinear tal-awtur).

[20] Fil-ktieb tieghu, **Notes on Criminal Law**, pag. 35 *et seq.*
[21] Illum l-Artikolu 86.

Ghalkemm l-Artikolu 146 tal-Kodici Taljan – li jitratta sekwestru tal-persuna mill-privat - huwa redatt b'mod differenti minn dak tal-Artikolu 86, il-kuncett ta' x'jikkostitwixxi "sekwestru" fil-ligi Taljana xorta huwa relevanti ghall-interpretazzjoni tal-Artikolu 86. **Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale** jikkummenta hekk fuq x'jikkostitwixxi sekwestru: *"Ne finalmente, si richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in cirostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita di scampo e di soccorso. Cosi fuq giudicato non valere ad escludere il reato la circostanza che il sequestrato si potesse liberare facendo quello che il sequestrante gli imponeva di fare, ne che le porte non fossero tutte chiuse, quando in realta il sequestrato era impedito d'andarsene ... ..."*[22]

Fil-kaz odjern, il-parte civile Dottor Tonio Azzopardi xehed li meta l-imputat Camilleri Junior nizzlu gharkubbtejh u beda jtieh *"Jiena bdejt nghidlu ovjament biex ihallini halli nohrog il-barra. Imma hu ma kienx qed jaghti kaz. F'daqqa wahda, minnufih wara insib illi ragel iehor dahal fil-kamra wkoll, indunajt hekk jigifieri, ghax imbaghad sibthom it-tnejn fuqi, jien qieghed gharkubtejja mal-art b'rasi baxxuta il-quddiem biex nipprova nilqa' d-daqqiet u ghalkemm ilqajt certu daqqiet, kien hemm 4 ponnijiet jaghtuni u jiena ma stajtx inlahhaq bl-ebda mod."* [23]

Minn din ix-xhieda huwa car, li Dottor Azzopardi kien imgieghel mill-imputat jibqa' l-ufficju tieghu, jigi msawwat, u ghalkemm talab lill-imputat biex ihallieh johrog, dan injorah u baqa' jtieh u mbaghad dahal l-imputat Camilleri Senior li beda jghin lit-tifel issawwat lill-imputat. Huwa vera li l-bieb tal-ufficju kien miftuh, pero f'dawk ic-cirkostanzi, Dottor Azzopardi fi kliemu stess ma setghax ilahhaq maz-zewg imputati biex ikun jista' jaharbilhom u jitlaq il-barra mill-ufficju, biex ma jkomplix jigi msawwat.

Konsegwentement, din il-Qorti ssib li l-imputat hu hati ta' sekwestru ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti issib lill-imputat hati ukoll tal-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 87(1)(c) u cioe *"jekk il-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata, tkun ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt",* u dan stante li matul is-sekwestru ta' Dottor Azzopardi, l-imputat sawwtu u anke heddu jekk ic-cekk li tah ma jissarrafx itieh zewg tiri.

[22] **Maino** op. cit. edizjoni 1890 parte 1 pag. 434 para 751.
[23] Ara xhieda ta' Dottor Azzopardi a fol. 83-84 tal-process.

<u>*Ir-Reat ta' Danni Volontarji*</u>

Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali haseb li tista' tinstab htija wkoll taht l-Artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali.

Fiz-zmien rilevanti, l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali kien jippreskrivi *inter alia* hekk:

*"Kull min, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew igharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel, meta jinsab hati – .... ....*

*(b) jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri hames mitt lira, imma jkun izjed minn hamsin lira, il-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sena;*

*(c) jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri hamsin lira, imma jkun izjed minn ghaxar liri, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur; ... ..."*

Dottor Tonio Azzopardi ezebixxa elenku tal-hsara allegatament sofferta minnu, li b'kollox tammonta ghal wiehed u sittin lira Maltin (LM61).[24] F'din il-lista semma, ghalkemm ma illikwidax in-nuqqas ta' qliegh ghax ma ezercitax il-professjoni tieghu fix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2006 u l-hsara fizika li sofra. Din il-Qorti tghid mill-ewwel li dawn id-danni ma' jaqghux fil-parametri tal-Artikolu 325 tal-Kodici Civili jitkellem fuq min volontarjament jaghmel hsara *"fuq hwejjeg haddiehor."*

Fix-xhieda tieghu,[25] Dottor Azzopardi jghid li m'ghandux ircevuti ghad-danni li allegatament sofra, li huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| T-shirt gdid imcarrat | LM20 |
| flokk ta' taht imcarat | LM 2 |
| pinna mkissra | LM10 |
| pen holder imkisser | LM 2 |

[24] Ara Dok TA a fol. 340 tal-process.
[25] Ara xhieda ta' Dottor Tonio Azzopardi a fol. 317 *et seq.* tal-process.

| | |
|---|---|
| electric fan imkisser | LM 5 |
| handle tal-bieb tal-ufficcju mkisser | LM 2 |
| sostitituzzjoni ta’ file covers bid-dokumenti tal-klijenti mirfusa | |
| u mghaffga meta Philip Camilleri (l-iben) tela’ bil-wieqfa fuq | |
| l-iskrivanija | LM10 |
| Medikamenti/medicinali | LM10 |

Certament, li l-parti leza ma gabitx l-ahjar prova sabiex tipprova dawn id-danni. Ghalhekk din il-Qorti issib lill-imputat Camilleri Junior hati biss li carrat T-shirt u l-flokk ta’ taht ta’ Dottor Azzopardi, stante li dawn jirrizultaw mir-ritratti u t-shirt gie ezebit in atti. Hija ssib lill-imputat hati wkoll li kisser il-handle tal-bieb tal-ufficju stante li parti mis-serratura mghawga ta’ dan il-bieb giet esebita in atti.

Ghalhekk, l-ammont tal-hsara jammonta ghal erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm24.00), u konsegwentement il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati taht l-Artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali, izda hati taht l-Artikolu 325(c) tal-Kodici Kriminali, u cioe hati li kkaguna hsara li ma teccedix il-hamsin lira Maltin (LM50).

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aggiornata tal-imputat, li fiha kundanna wahda li kkaguna griehi ta’ natura hafifa.

Ghalkemm, l-imputat instab hati ta’ diversi reati, ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati, numru minn dawn ir-reati huma assorbiti f’reati ohra aktar gravi. Ghalhekk ir-reati kontemplati fis-segwenti artikoli tal-Kodici Kriminali u cioe: l-Artikolu 85 (ragion fattasi), l-Artikoli 86 u 87(1)(c) (sekwestru bl-aggravanti), l-Artikolu 91 (vjolenza u theddid kontra ufficjal pubbliku) u parti mir-reat kontemplat fl-Artikolu 95 (ingurji u theddid lil

ufficjal pubbliku) huma assorbiti fir-reat kontemplat fl-Artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali (r-reat ta' vjolenza kontra l-privat).

Min-naha l-ohra billi l-imputat instab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali (offiza fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku), il-piena ghal ferita gravi taht l-Artikolu 216(1)(a)(ii) li taghha l-imputat instab hati, trid tizdied bi grad.

L-imputat instab hati ukoll li kkaguna danni volontarji ai termini tal-Artikolu 325(c) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sottomissjoni tal-parti leza Dottor Tonio Azzopardi, li fi kliemu stess qali li *"jiena lill-imputat mhux pjacir tieghi li narah imur il-habs."* Din il-Qorti pero taqbel li fil-kaz odjern japplika l-insenjamet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[26] fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**, deciza fit-30 ta' Lulju 2004: *"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirriprestinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventerat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."* (ara fl-istess sens **Il-Pulizija vs. Peter Camilleri et** deciza fid-29 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri).[27]

M'hemmx dubbju li fil-kaz odjern, l-imputat wera arroganza u prepotenza grassa li mmanifestat ruhha fi vjolenza fizika, u dan semplicement ghax ma kienx qed jaqbel kif il-parti leza, li kien gie nominat avukat tal-ghajnuna legali ta' ommu, kien qeda u/jew kien qed jaqdi l-funzjonijiet tieghu. Dan l-agir huwa semplicement inaccettabbli f'socjeta' civilizzata.

**Konkluzjoni**

[26] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.
[27] *Per* Imhallef Michael Mallia.

*Fil-konfront ta' Philip Camilleri (imsejjah f'dawn il-proceduri "Senior")*

Stante li kif inghad aktar il'fuq, l-imputat Philip Camilleri (imsejjah f'dan il-proceduri "Senior") miet fil-mori ta' dawn il-proceduri, u precizament fid-29 ta' Gunju 2007,[28] - cioe qabel inharget in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali – il-Qorti tiddikjara li fil-konfront tieghu il-procediment huwa ezawrit.

*Fil-konfront ta' Philip Camilleri (imsejjah f'dawn il-proceduri "Junior")*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 20 t'April 2009:

1. issib lill-imputat Philip Camilleri (imsejjah f'dawn il-proceduri "Junior") mhux hati tar-reati kontemplati fl-artikoli 261(a), 262(1)(a)(b)(2), 274(b), 275, 41(1)(a), 261(c), 267, 279(b), 325(b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tilliberah minnhom;
2. issib lill-imputat Philip Camilleri (imsejjah f'dawn il-proceduri "Junior") hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 85, 86, 87(1)(c), 214, 216(1)(a)(ii), 91, 92, 95, 251(1), u 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettivi.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf erba' mija u seba' u ghoxrin Euro u erba' u tmenin centezmu (€1427.84), ekwivalenti ghas-somma ta' sitt mija u tnax il-Lira Maltija u seba' u disghin centezmu (Lm612.97), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

[28] Ara fol. 249 tal-process.

Fl-ahharnett, il-Qorti qieghda tpoggi lil hati taht Ordni ta’ Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, liema Ordni qieghda tigi hawn annessa u ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------